31998R0505

L 63/16 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 4.3.1998

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 505/98

tat-3 ta' Marzu 1998

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1274/91 li jintroduċi regoli ddettaljati sabiex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 dwar ċerti standards tal-marketing tal-bajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti *standards* tal-*marketing* tal-bajd [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 818/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 10(3) u 20(1) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1274/91 [3], kif aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1511/96 [4], jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu implimentati l-i*standards* tal-*marketing* fis-settur tal-bajd;

Billi l-frekwenza tal-ġbir tal-bajd tista' titnaqqas minn dawk il-produtturi li huma f'pożizzjoni li jipprovdu l-garanziji li jżommu t-temperatura li fiha jinżamm il-bajd fuq ir-razzett taħt l-14 °Ċ; billi din id-deroga għandha tkun ristretta għal dawk l-Istati Membri li, minħabba l-produzzjoni baxxa u d-densitajiet baxxi tal-popolazzjoni, l-ispejjeż tal-ġbir u tad-distribuzzjoni huma ġeneralment għolja u li s-soltu jirreġistraw temperaturi baxxi; billi dawn il-kondizzjonijiet jintlaħqu mill-Isvezja u mill-Finlajda biss; billi din il-miżura għandha tiġi applikata mill-1 ta' Jannar 1998 sabiex tiġi pprovvduta transizzjoni bla xkiel għalbiex jiġu applikati *standards* komuni tal-bajd fl-Isvejza u li kellha tiġi posposta għal din id-data skond l-Artikolu 149(1) ta' l-Att ta' Adeżjoni bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2059/96 [5];

Billi sabiex jiġi żgurat monitoraġġ aħjar dwar il-bejgħ tal-bajd tat-tiġieġ mhux miżmuma fil-gaġeġ huwa meħtieġ illi jiġu pprovvduti reġistri iktar iddettaljati rigward il-produzzjoni u d-dħul ta' dan il-bajd fl-istadju tal-kolletturi u tal-bejjiegħa bl-ingrossa;

Billi huwa xieraq illi l-Istati Membri jiġu awtorizzati li jiddelegaw is-sorveljanza tat-tikkettjar korrett tal-bajd skond it-tip tal-biedja wżata lill-korpi li huma independenti mill-produtturi;

Billi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta'Ġestjoni tal-Laħam tat-Tjur u tal-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nu 1274/91 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

   "Madankollu, fil-Finlandja u fl-Isvezja, il-kunsinna jew il-ġbir mill-produtturi saċ-ċentri tal-pakkjar jew sa l-industrija jistgħu jitwettqu darba fil-ġimgħa f'dawk il-każijiet biss fejn it-temperatura li fiha jinżamm il-bajd fl-irziezet tinżamm b'mod artifiċjali taħt l-14 °Ċ."

2. L-Artikolu 18 jiġi emendat kif ġej:

   — fil-paragrafu 2 is-sentenza li ġejja tiżdied mat-tieni subparagrafu:

   "Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu għal mill-inqas sitt xhur wara li titneħħa l-ġemgħa tat-tjur."

   — jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:

   "(6a) 6a. Il-kolletturi u l-bejjiegħa bl-ingrossa huma meħtieġa illi jżommu reġistri dwar it-transazzjonijiet tax-xiri u tal-bejgħ u r-reġistri dwar il-ħażna tal-bajd riferiti fil-paragrafu 1 (a), (b), (ċ) u (d).

   Il-kolletturi għandhom ikunu kpaċi li juru għal dan il-bajd:

   (a) id-dati u l-kwantitajiet tal-ġbir;

   (b) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi;

   (ċ) id-dati u l-kwantitajiet tal-kunsinni lill-istazzjonijiet rilevanti tal-ippakkjar.

   Il-bejjiegħa bl-ingrossa (inklużi n-negozjanti li ma jqandlux il-bajd fiżikament) għandhom ikunu kapaċi li juru għal dan il-bajd:

   (a) id-dati u l-kwantitajiet tax-xiri u tal-bejgħ

   (b) l-ismijiet u l-indirizzi tal-fornituri/xerrejja

   B'żieda ma' dan, dawk il-bejjiegħa bl-ingrossa li jqandlu l-bajd fiżikament għandhom iżommu reġistru ta' kull ġimgħa rigward il-ħażna fiżika.

   Minflok li jżommu r-reġistri speċifiċi dwar it-transazzjonijiet tax-xiri u tal-bejgħ, il-kolletturi u l-bejjiegħa bl-ingossa jistgħu jżommu dokumenti bil-fatturi jew binoti tal-kunsinni mmarkati kif indikat fil-paragrafu 1."

---

[1] ĠU L 173, ta' l-5. tas-6.7.1990, p.1.
[2] ĠU L 111, ta' l-1. ta' l-4.5.1996, p.1.
[3] ĠU L 121, ta' l-11. tas-16.5.1991, p.1.
[4] ĠU L 189, tat-30.7.1996, p.1.
[5] ĠU L 276, ta' l-11. tad-29.10.1996, p.1.

— il-paragrafu 7a jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(7a) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2 sa' 6a ma japplikawx meta tintuża l-espressjoni msemmija fl-paragrafu 1(e)."

3. jiddaħħal l-Artikolu 18b li ġej:

"Artikolu 18b

Is-sorveljanza ta' l-indikazzjonijiet tat-tip tal-biedja wżat kif riferit fl-Artikolu 18(1), inklużi l-indikazzjonijiet dwar il-karatteristiċi partikolari tat-tip rispettiv tal-biedja, tista' tiġi ddelegata lill-korpi nnominati mill-Istati Membri li jipprovdu l-indipendenza meħtieġa *vis-à-vis* l-produtturi involuti u li għandhom jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fin-Norma Ewropea Nru En/45011 fis-seħħ.

Dawn il-korpi għandhom jingħataw liċenzja u jkunu ssorveljati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru involut."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-1 ta' Mejja 1998.

Madankollu l-Artikolu 1(1) għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament l-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,fit-3 ta' Marzu 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni